IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT TAR-RIĊERKA
U DOKUMENTAZZJONI

# Dokument tematiku

## AĊĊESS TAL-PUBBLIKU GĦALL-INFORMAZZJONI AMBJENTALI

Mill-bidu tas-snin disgħin, u speċjalment wara l-adozzjoni, fil-25 ta' Ġunju 1998 [1], tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (magħrufa bħala l-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), l-Unjoni Ewropea adottat korp ta' liġijiet li jistabbilixxi l-prinċipju tad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali miżmuma kemm mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 [2], Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/4/KE tat-28 ta' Jannar 2003) [3] kif ukoll mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea stess (Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006) [4]. Din il-leġiżlazzjoni żdiedet mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru°1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea [5], kif ukoll mad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-qasam tal-aċċess għall-informazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni Ewropea adottata fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat ġurisprudenza vasta fil-kuntest ta' rikorsi ġudizzjarji varji.

1 Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tfasslet mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (KEE-NU) u ġiet adottata mill-Istati Membri tagħha fil-25 ta' Ġunju 1998 fl-okkażjoni tar-raba' konferenza ministerjali li nżammet fil-kuntest tal-proċess "Ambjent għall-Ewropa". Hija daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001.

2 Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar l-aċċess ħieles għall-informazzjoni dwar l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 402).

3 Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

4 Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13)

5 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

# I. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-dritt tal-Unjoni

### *Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013 (Awla Manja), Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853)* [6]

Fish Legal, il-fergħa legali tal-Federazzjoni Ingliża tas-Sajjieda (Angling Trust) għandha bħala għan il-ġlieda, permezz tal-mezzi legali kollha, kontra t-tniġġis u ħsara oħra fil-qasam akwatiku kif ukoll id-difiża tas-sajd bil-qasba u tas-sajjieda. Fish Legal kienet talbet lil żewġ kumpanniji tal-ilma, United Utilities Water plc u Yorkshire Water Services LTs, informazzjoni dwar skariki, operazzjonijiet ta' purifikazzjoni u tifwir tal-ilma f'emerġenza. E. Shirley, min-naħa tagħha, talbet lil kumpannija tal-ilma oħra, Southern Water Services Ltd, informazzjoni dwar il-kapaċità ta' sanitazzjoni għal proġett ta' urbanizzazzjoni fil-villaġġ tagħha fil-kontea ta' Kent.

Peress li mingħand dawn il-kumpanniji ma rċevewx l-informazzjoni mitluba fit-termini previsti fl-Environmental Information Regulations 2004 (iktar 'il quddiem l-"EIR 2004"), il-leġiżlazzjoni li tittrasponi fid-dritt Ingliż id-Direttiva 2003/4/KE, kemm Fish Legal kif ukoll E. Shirley ippreżentaw ilment quddiem l-Information Commissioner. Dan tal-aħħar qies li l-kumpanniji tal-ilma kkonċernati ma kinux awtoritajiet pubbliċi fis-sens tal-EIR tal-2004 u li ma setax jieħu deċiżjoni dwar il-kontestazzjonijiet tagħhom.

Wara li l-First-tier Tribunal (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) ċaħdet ir-rikorsi tagħhom kontra dawn id-deċiżjonijiet, l-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri, ir-Renju Unit) għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, fir-rigward tad-definizzjoni, fid-dawl b'mod partikolari tal-gwida ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ippubblikat mill-KEE-UN, tal-kunċett ta' "awtorità pubblika", u b'mod partikolari dwar liema huma l-kriterji li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk entitajiet bħall-kumpanniji tal-ilma kkonċernati, li fir-rigward tagħhom huwa paċifiku li jipprovdu servizzi pubbliċi relatati mal-ambjent, jaqgħux taħt il-kontroll ta' korp jew ta' persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tad-Direttiva 2003/4/KE, b'mod li għandhom jiġu kklassifikati bħala "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2)(c) ta' din id-direttiva. L-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri, ir-Renju Unit) staqsiet ukoll jekk l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE kellux jiġi interpretat fis-sens li, meta persuna taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni minħabba waħda mill-funzjonijiet, mir-responsabbiltajiet tagħha jew mis-servizzi tagħha, din il-persuna tikkostitwixxi awtorità pubblika biss fir-rigward tal-informazzjoni ambjentali li hija żżomm fil-kuntest tal-funzjonijiet, tar-responsabbiltajiet u tas-servizzi tagħha.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/4/KE, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni t-test u l-għan tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, li din id-direttiva hija intiża li timplementa fid-dritt tal-Unjoni.

Fil-fatt, billi saret parti mill-Konvenzjoni ta' Aarhus [7], l-Unjoni Ewropea inkarigat ruħha li tiżgura, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, aċċess, bħala prinċipju, għall-informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom.

Kif tikkonferma l-premessa 5 tad-Direttiva 2003/4/KE, billi adotta din id-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jiżgura l-kompatibbiltà tad-dritt tal-Unjoni mal-Konvenzjoni ta' Aarhus bil-għan tal-konklużjoni tagħha mill-Komunità, billi jipprovdi sistema ġenerali li biha jiġi żgurat li kull persuna fiżika jew ġuridika ta' Stat Membru jkollha dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-

6 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2013, p. 46.

7 Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall- ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU 2006, L 164M, p. 17).

awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom mingħajr ma din il-persuna jkollha għalfejn tiddikjara interess (punti 35-37).

Filwaqt li l-gwida għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tista' titqies li hija dokument ta' spjega li, skont il-każ, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, fost elementi oħra rilevanti, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' din il-konvenzjoni, l-analiżijiet li tinkludi ma għandhom ebda saħħa vinkolanti u ma humiex ta' natura normativa bħal ma huma d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus (punt 38).

(Dwar il-kwistjoni marbuta mal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "awtorità pubblika", ara t-Taqsima III, intitolata "Il-kunċett ta' 'awtorità pubblika' marbuta tagħti aċċess għall-informazzjoni ambjentali" f'dan id-dokument)

## II. Il-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-ambjent"

### *Sentenza tas-17 ta' Ġunju 1998, Mecklenburg (C-321/96, EU:C:1998:300)*

Fuq il-bażi tad-Direttiva 90/313/KEE, W. Mecklenburg kien talab lill-belt ta' Pinneberg u lil Kreis Pinneberg – Der Landrat (iktar 'il quddiem il-"Kreis Pinneberg") jindirizzawlu kopja tal-pożizzjoni li l-amministrazzjoni inkarigata mill-preżervazzjoni ta' siti kienet adottat fil-proċedura ta' approvazzjoni tal-pjanijiet ta' kostruzzjoni ta' "bypass tal-Punent". Il-Kreis Pinneberg kien ċaħad it-talba tiegħu peress li t-teħid ta' pożizzjoni tal-amministrazzjoni ma kinitx "informazzjoni dwar l-ambjent" fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 90/313/KEE, trasposta fid-dritt Ġermaniż permezz tal-Umweltinformationsgesetz (UIG, Liġi tal-Informazzjoni dwar l-Ambjent) adottata fit-8 ta' Lulju 1994.

Wara li r-rikorsi ppreżentati mir-rikorrent dwar din id-deċiżjoni ġew miċħuda mill-Kreis Pinneberg u mix-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht, ir-rikorrent appella minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem ix-Schleswig-Holsteinisches Oberverwaltungsgericht (il-Ġermanja) li, peress li qieset li l-pożizzjoni tal-amministrazzjoni li ntalbet tagħti l-komunikazzjoni setgħet tikkostitwixxi "miżura amministrattiva ta' ġestjoni ambjentali" fis-sens tad-Direttiva 90/313/KEE, għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk il-pożizzjoni ta' amministrazzjoni subordinata inkarigata mill-preżervazzjoni ta' siti adottata fil-kuntest tal-parteċipazzjoni ta' korpi li jiddefendu l-interessi pubbliċi fil-proċedura ta' approvazzjoni ta' pjanijiet tistax titqies li hija miżura amministrattiva ta' ġestjoni ambjentali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 90/313/KEE.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jagħti tifsira wiesgħa lill-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-ambjent", li tinkludi kemm informazzjoni kif ukoll attivitajiet dwar l-istat tas-setturi differenti tal-ambjent li hemm riferiment għalihom fl-imsemmija direttiva, peress li huwa ppreċiżat li l-kunċett ta' "miżuri amministrattivi", li jissemma' bħala eżempju, jikkostitwixxi sempliċement "attivitajiet" jew "miżuri" koperti mid-direttiva.

Sabiex tikkostitwixxi informazzjoni dwar l-ambjent fis-sens imsemmi hawn fuq, huwa għalhekk biżżejjed li pożizzjoni tal-amministrazzjoni tikkostitwixxi att li jista' jaffettwa jew jipproteġi l-istat ta' wieħed mis-setturi tal-ambjent imsemmija fid-direttiva, li huwa l-każ ta' pożizzjoni adottata minn amministrazzjoni inkarigata mill-preżervazzjoni ta' siti fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tagħha fi proċedura ta' approvazzjoni ta' pjanijiet ta' kostruzzjoni, jekk din il-pożizzjoni tkun ta' natura li tinfluwenza, għal dak li jirrigwarda l-interessi tal-protezzjoni tal-ambjent, id-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' tali pjanijiet (punti 19-22 u d-dispożittiv 1).

### *Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Franza (C-233/00, EU:C:2003:371)*

Il-Kummissjoni kienet ippreżentat, skont l-Artikolu 226 KE, rikors intiż li jiġi kkonstatat li, peress li ma ttrasponietx b'mod korrett l-Artikoli 2(a) u 3(2), (3) u (4) tad-Direttiva 90/313/KEE, ir-Repubblika Franċiża kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija direttiva kif ukoll taħt it-tielet paragrafu tal-Artikolu 189 tat-Trattat KE (li sar it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE).

Min-naħa tagħha, ir-Repubblika Franċiża qieset li d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 78-753 tas-17 ta' Lulju 1978 dwar diversi miżuri ta' titjib tar-relazzjonijiet bejn l-amministrazzjoni u l-pubbliku u dwar diversi dispożizzjonijiet amministrattivi, soċjali u fiskali, u tad-Digriet Nru°88-465 tat-28 ta' April 1988 dwar il-proċedura għall-aċċess għal dokumenti amministrattivi, li kienu jiżguraw fid-dritt Franċiż it-traspożizzjoni tad-Direttiva 90/313/KEE. Minkejja li r-Repubblika Franċiża rrikonoxxiet li dokumenti miżmuma minn awtorità pubblika li taġixxi bħala persuna privata u li ma għandhom ebda rabta mas-servizz pubbliku ma kinux koperti mil-Liġi Nru 78-753, hija kkontestat il-fatt li tali dokumenti setgħu wkoll jikkostitwixxu "informazzjoni dwar l-ambjent" fis-sens tad-Direttiva 90/313/KEE.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kliem stess tagħha u b'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-użu tal-kliem "kull informazzjoni", il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 93/313/KEE u, għalhekk, dak tal-imsemmija direttiva, għandu jitqies li tfassal b'mod wiesa'. Għaldaqstant, hija koperta l-informazzjoni kollha li tirrigwarda kemm l-istat tal-ambjent kif ukoll l-attivitajiet jew miżuri ta' natura li jaffettwawh, inklużi wkoll l-attivitajiet jew il-miżuri intiżi għall-protezzjoni tal-ambjent, mingħajr ma l-lista fl-imsemmija dispożizzjoni tinkludi kwalunkwe indikazzjoni ta' natura li tillimita l-portata tagħha, b'mod li l-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-ambjent" fis-sens tad-Direttiva 90/313/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi dokumenti li ma humiex marbuta mal-eżerċizzju ta' servizz pubbliku (punti 44 u 47).

### *Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Stichting Natuur en Milieu et (C-266/09, EU:C:2010:779)*

Wara t-talba tal-kumpannija Bayer, il-Ministru tas-Saħħa, tal-Benesseri u tal-Isports, tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, bi ftehim mas-Segretarju tal-Istat għall-Agrikoltura, għall-Protezzjoni tan-Natura u għas-Sajd, kien emenda r-Regolament dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi. Din l-emenda kienet tistabbilixxi, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-pestiċida propamocarb li jinsab fuq jew fil-ħass, limitu ġdid dwar il-kontenut massimu awtorizzat ta' residwi.

Stichting Natuur en Milieu, Vereniging Milieudefensie u Vereniging Goede Waar & Co. kienu għalhekk talbu lill-College voor de toelating van bestrijdingsmiddelen (iktar 'il quddiem iċ-"CTB") tikkomunikalhom l-informazzjoni kollha li kienet wasslet għall-adozzjoni tar-regolament ministerjali inkwistjoni. Din il-komunikazzjoni ġiet irrifjutata lilhom fit-8 ta' Marzu 2005 fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Liġi dwar il-Pestiċidi tal-1962, li jirrigwarda l-kunfidenzjalità, liema deċiżjoni r-rikorrenti kkontestaw quddiem iċ-CTB. Wara konsultazzjoni mal-kumpannija Bayer fir-rigward tal-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni fid-dokumenti kkonċernati, iċ-CTB irrifjutat, għall-finijiet tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità industrijali, li tiżvela l-istudju tar-residwi u r-rapporti ta' testijiet fuq il-post.

Il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi), li quddiemha ġie ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni, għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk id-data li tat lok għad-definizzjoni ta' kontenut massimu awtorizzat ta' residwi ta' prodott farmaċewtiku tikkostitwixxix informazzjoni ambjentali fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/4/KE u, konsegwentement, taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tagħha.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' informazzjoni ambjentali msemmi f'din id-dispożizzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-informazzjoni sottomessa fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali ta' awtorizzazzjoni jew ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti bil-għan li

jiġi ddeterminat il-kontenut massimu ta' pestiċida, ta' komponent tiegħu jew tal-prodotti ta' trasformazzjoni tiegħu, fl-ikel u fix-xorb.

Fil-fatt, peress li hija intiża li tillimita r-riskju ta' modifika ta' wieħed mill-komponenti tad-diversità bioloġika u r-riskju ta' tixrid ta' residwi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'mod partikolari fuq l-art jew f'ilmijiet taħt l-art, il-provvista ta' informazzjoni dwar il-preżenza ta' tali residwi fi jew fuq prodott, minkejja li tali informazzjoni ma tinkludix direttament hija stess evalwazzjoni tal-konsegwenzi ta' dawn ir-residwi fuq is-saħħa tal-bniedem, tikkonċerna elementi ambjentali li jistgħu jimmodifikawha fil-każ ta' preżenza eċċessiva ta' dawn ir-residwi, li huwa preċiżament dak li din l-informazzjoni hija intiża li tivverifika (punti 42, 43 u d-dispożittiv 1).

### *Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Ville de Lyon (C-524/09, EU:C:2010:822)*

Il-belt ta' Lyon kienet talbet lill-Caisse des dépôts et consignations (iktar 'il quddiem, iċ-"CDC"), bħala korp responsabbli għaż-żamma tar-reġistru nazzjonali tal-kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra, jikkomunikalha l-volumi ta' kwoti mibjugħa matul is-sena 2005 mill-operaturi ta' 209 siti ta' tisħin urban mifruxa fit-territorju kollu Franċiż.

Peress li ċ-CDC irrifjuta li jikkomunika l-imsemmija informazzjoni, billi bbaża ruħu b'mod partikolari fuq l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri [8], il-belt ta' Lyon ressqet talba quddiem il-Kummissjoni għall-aċċess għal dokumenti amministrattivi u din tal-aħħar tat opinjoni favur il-komunikazzjoni ta' dokumenti marbuta mal-imsemmija informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet. Madankollu, iċ-CDC ikkonferma r-rifjut ta' komunikazzjoni tiegħu abbażi tal-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE ma kinux intiżi li jirregolaw il-komunikazzjoni tad-data tranżazzjonali fil-kuntest tas-sistema ta' kwoti ta' emissjonijiet, li għaliha l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda regoli speċifiċi li jinsabu fid-Direttiva 3003/87/KE [9] u fir-Regolament (KE) Nru 2216/2004.

It-tribunal administratif de Paris (Franza), li quddiemha ġie ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni, għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kellhiex tiġi rregolata minn waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/1/KE jew mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE u tar-Regolament (KE) Nru 2216/2004 adottati skont din id-direttiva.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet relatata mal-ismijiet tad-detenturi ta' kontijiet tal-oriġini u tad-destinazzjoni tat-trasferimenti tal-kwoti ta' emissjonijiet, mal-kwoti jew unitajiet ta' Kyoto involuti f'dawn it-tranżazzjonijiet, kif ukoll mad-data u mal-ħin tal-imsemmija tranżazzjonijiet, taqa' esklużivament taħt ir-regoli speċifiċi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku u ta' kunfidenzjalità li jinsabu fid-Direttiva 2003/87/KE, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Direttiva 2004/101/KE [10], kif ukoll taħt dawk li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 2216/2004.

Fil-fatt, din id-data tirrigwarda kwoti ttrasferiti li għandhom ikunu s-suġġett ta' kontabbiltà preċiża mill-Istati Membri fir-reġistri nazzjonali rispettivi tagħhom, li l-karatteristiċi tekniċi tagħhom u r-regoli dwar iż-żamma tagħhom, kif ukoll dawk dwar il-komunikazzjoni u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tinsab f'dawn ir-reġistri, huma ddeterminati mir-Regolament (KE) Nru 2216/2004. Għaldaqstant, huma jaqgħu taħt l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE u mhux taħt l-Artikolu 17 tagħha. Madankollu, sa fejn l-

8 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skond id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2008, 319M, p. 1).

9 Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 375).

10 Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-proġett tal-Protokoll ta' Kjoto (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE ma jagħmilx riferiment għad-Direttiva 2003/4/KE, bl-istess mod bħal ma jagħmel l-imsemmi Artikolu 17, hemm lok li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni jissuġġetta talba dwar informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE, iżda li, kuntrarjament, huwa kellu l-intenzjoni jintroduċi, fir-rigward ta' din l-informazzjoni, sistema speċifika u eżawrjenti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-imsemmija data kif ukoll tal-kunfidenzjalità tagħha (punti 39-41 u d-dispożittiv 1).

### *Sentenza tat-23 ta' Novembru 2016, Bayer CropScience u Stichting De Bijenstichting (C-442/14, EU:C:2016:890)*

Il-College voor de toelating van gewasbeschermingsmiddelen en biociden, l-awtorità Olandiża kompetenti għall-għoti u għall-modifikazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ta' prodotti bijoċidali (iktar 'il quddiem iċ-"CTB"), kienet iddeċidiet li timmodifika l-awtorizzazzjonijiet ta' diversi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll ta' prodott bijoċidali bbażat fuq l-imidakloprid, sustanza attiva b'effett ta' insettiċida. Stichting De Bijenstichting (iktar 'il quddiem "Bijenstichting"), assoċjazzjoni Olandiża għall-protezzjoni tan-naħal, kienet talbet liċ-CTB, fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/4/KE, l-iżvelar ta' dokumenti li jirrigwardaw l-imsemmija awtorizzazzjonijiet. Bayer, kumpannija li topera fost l-oħrajn fl-oqsma tal-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' u tal-ġlieda kontra l-parassiti, detentriċi ta' numru kbir minn dawn l-awtorizzazzjonijiet, oġġezzjonat għal dan l-iżvelar, peress li dan ikun jikser id-drittijiet tal-awtur u l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali.

Iċ-CTB inizjalment ċaħdet it-talbiet għall-iżvelar imressqa mir-rikorrenti. Wara li Bijenstichting ippreżentat ilment kontra l-imsemmija deċiżjoni ta' ċaħda, iċ-CTB sussegwentement ikkunsidrat mill-ġdid, parzjalment, id-deċiżjoni fir-rigward ta' ċerti dokumenti li kien intalab l-iżvelar tagħhom billi qieset b'mod partikolari, f'termini ta' bbilanċjar bejn l-interess ġenerali għall-iżvelar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodott inkwistjoni, li l-informazzjoni fattwali, dwar l-emissjonijiet effettivi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew tal-prodotti bijoċidali fl-ambjent, kellhom jitqiesu li huma "informazzjoni dwar emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE filwaqt li l-kumplament tad-dokumenti ma tqisux li jikkostitwixxu tali informazzjoni fir-rigward ta' din l-istess dispożizzjoni.

Il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi), li quddiemha ġew ippreżentati rikorsi kemm minn Bayer kif ukoll minn Bijenstichting kontra din id-deċiżjoni, għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari dwar l-interpretazzoni tal-kunċett ta' "informazzjoni dwar emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-indikazzjonijiet dwar in-natura, il-kompożizzjoni, il-kwantità, id-data u l-post tal-emissjonijiet fl-ambjent ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ta' prodotti bijoċidali, u tas-sustanzi li jinsabu f'dawn il-prodotti, kif ukoll l-informazzjoni rigward l-effetti, ftit jew wisq fit-tul, ta' dawn l-emissjonijiet fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-informazzjoni rigward ir-residwi preżenti fl-ambjent wara l-applikazzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-istudji rigward il-kejl tal-kurrent tas-sustanza waqt din l-applikazzjoni, indipendentement minn jekk id-data tirriżultax minn studji mwettqa għalkollox jew parzjalment fuq l-art, minn studji f'laboratorju jew minn studji ta' trażlokazzjoni, kollha jaqgħu taħt dan il-kunċett.

Tali interpretazzjoni b'ebda mod ma twassal sabiex id-data kollha inkluża fil-fajlijiet ta' awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew ta' prodotti bijoċidali, b'mod partikolari d-data kollha li tirriżulta mill-istudji mwettqa għall-ksib ta' din l-awtorizzazzjoni, taqa' taħt dan il-kunċett u jkollha dejjem tiġi żvelata. Fil-fatt, hija biss id-data li tirrigwarda emissjonijiet fl-ambjent li hija inkluża fl-imsemmi kunċett, u dan jeskludi b'mod partikolari mhux biss l-informazzjoni li ma tirrigwardax l-emissjonijiet tal-prodott inkwistjoni fl-ambjent, iżda wkoll id-data li tirrigwarda emissjonijiet ipotetiċi, jiġifieri emissjonijiet li ma humiex konkreti jew prevedibbli f'ċirkustanzi li jirrappreżentaw kundizzjonijiet

normali jew realistiċi ta' użu. Għaldaqstant, din l-interpretazzjoni ma timplikax preġudizzju sproporzjonat għall-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 39(3) tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali dwar il-kummerċ (Ftehim TRIPs) (punti 96, 100, 103 u d-dispożittiv 2).

# III. Il-kunċett ta' 'awtorità pubblika' marbuta tagħti aċċess għall-informazzjoni ambjentali

### *Sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Deutsche Umwelthilfe (C-515/11, EU:C:2013:523)*

Il-Bundesministerium für Wirtschaft und Technologie (il-Ministeru tal-Ekonomija u tat-Teknoloġija) kien irrifjuta li jawtorizza talba ta' assoċjazzjoni tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-konsumaturi, id-Deutsche Umwelthilfe eV, intiża li tinkiseb it-trażmissjoni ta' informazzjoni inkluża f'korrispondenza skambjata bejn dan il-ministeru u r-rappreżentanti tal-industrija tal-karozzi Ġermaniża matul il-ftehim li ppreċeda l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-ittikkettjar fil-qasam tal-konsum tal-enerġija. Dan il-ministeru kien invoka, f'dan ir-rigward, id-dispożizzjoni tal-Liġi dwar l-Informazzjoni Ambjentali tat-22 ta' Diċembru 2004, li teżenta lill-awtoritajiet pubbliċi mill-obbligu ta' informazzjoni fil-qasam tal-ambjent meta jkunu intervenew fil-kuntest tat-tfassil ta' regolament.

Il-Verwaltungsgericht Berlin (il-Ġermanja), li quddiemha tressaq rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni ta' rifjut, kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-liġi mad-Direttiva 2003/4/KE u staqsiet, b'mod partikolari, jekk l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, sa fejn tirrigwarda l-awtoritajiet pubbliċi li jaġixxu f'kapaċità leġiżlattiva, tistax tapplika għall-awtoritajiet pubbliċi meta jfasslu u jadottaw regolament bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li l-possibbiltà mogħtija minn din id-dispożizzjoni lill-Istati Membri li ma jqisux li huma awtoritajiet pubbliċi, li huma marbuta li jawtorizzaw l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali miżmuma minnhom, dawk il-korpi jew istituzzjonijiet li jaġixxu f'kapaċità leġiżlattiva, ma tistax tiġi applikata lill-ministeri meta jfasslu u jadottaw dispożizzjonijiet normattivi li huma ta' livell inferjuri għal dak ta' liġi.

F'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod li l-effetti tagħha jiġu estiżi lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi li hija tfittex li tiggarantixxi u l-portata tad-derogi previsti minnha għandha tiġi ddeterminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tal-imsemmija direttiva. Hija, fil-fatt, l-ispeċifiċità tal-proċedura leġiżlattiva u l-karatteristiċi tagħha stess li jiġġustifikaw is-sistema partikolari ta' atti adottati f'kapaċità leġiżlattiva fir-rigward tad-dritt għall-informazzjoni kif huwa previst kemm fil-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, kif ukoll fid-Direttiva 2003/4/KE. Minn dan jirriżulta li n-natura tal-att inkwistjoni, b'mod partikolari l-fatt li dan ikun att ta' portata ġenerali, ma tistax, fiha nfisha, teżenta lill-korp li jadottah mill-obbligi li jirriżultaw minn din id-direttiva.

Fl-aħħar nett, fl-assenza ta' preċiżjoni fid-dritt tal-Unjoni dwar dak li jaqa' fil-kamp tal-applikazzjoni ta' liġi jew ta' norma ta' livell ekwivalenti, għall-finijiet tal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, din l-evalwazzjoni tiddependi mid-dritt tal-Istati Membri, bla ħsara għall-effett utli ta' din id-direttiva. (punti 22, 29, 30, 35, 36 u d-dispożittiv)

### *Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013 (Awla Manja), Fish Legal u Shirley (C-279/12, EU:C:2013:853)* [11]

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima I, intitolata "Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-dritt tal-Unjoni" f'dan id-dokument), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, impriżi bħal kumpanniji tal-ilma, li jipprovdu servizzi pubbliċi marbuta mal-ambjent, setgħu jkunu kkontrollati minn korp jew minn persuna msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) jew (b) ta' dan l-artikolu, b'mod li jkollhom jiġu kklassifikati bħala awtoritajiet pubbliċi skont l-Artikolu 2(2)(c) ta' din id-direttiva, fil-każ li dawn l-impriżi ma jiddeterminawx b'mod effettivament awtonomu l-metodu li bih huma jipprovdu dawn is-servizzi, peress li awtorità pubblika li taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(a) jew (b) tal-imsemmija direttiva tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv l-azzjoni tal-imsemmija impriżi fil-qasam tal-ambjent.

Is-sempliċi fatt li l-entità tkun kumpannija kummerċjali suġġetta għal skema regolatorja speċifika għas-settur inkwistjoni ma jistax jeskludi kontroll fis-sens tal-Artikolu 2(2)(c) tad-Direttiva 2003/4/KE sa fejn mill-iskema kkonċernata jista' jirriżulta li l-entità ma jkollhiex awtonomija effettiva fir-rigward tal-Istat, anki jekk dan tal-aħħar, wara l-privatizzazzjoni tas-settur inkwistjoni, ma jkunx iktar f'pożizzjoni li jiddetermina l-ġestjoni tagħha ta' kuljum (punti 68, 70, 71, 73 u d-dispożittiv 2).

Barra minn hekk, l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li taqa' taħt din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi awtorità pubblika fir-rigward tal-informazzjoni ambjentali kollha li għandha. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2003/4/KE, dispożizzjoni ċentrali ta' din id-direttiva, li hija essenzjalment identika għall-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jekk entità tiġi kklassifikata bħala awtorità pubblika fis-sens ta' waħda mit-tliet kategoriji msemmija fl-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva, din hija marbuta tikkomunika lil kull applikant l-informazzjoni ambjentali kollha li taqa' taħt waħda mis-sitt kategoriji ta' informazzjoni stabbiliti fl-imsemmi Artikolu 2(1), li jkollha jew li tkun miżmuma f'isimha, ħlief jekk it-talba tkun taqa' taħt waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 4 tal-istess direttiva (punti 78, 83 u d-dispożittiv 3).

## IV. Ir-raġunijiet għal rifjut ta' aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni ambjentali

### *Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Stichting Natuur en Milieu et (C-266/09, EU:C:2010:779)*

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II, intitolata "Il-kunċett ta' 'informazzjoni dwar l-ambjent'" f'dan id-dokument), il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) kienet ukoll staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-ibbilanċjar tal-interessi previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE kienx obbligatorju f'kull każ individwali jew jekk setax isir darba għal dejjem permezz ta' miżura leġiżlattiva. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju kienet qajmet il-kwistjoni dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mad-Direttiva 2003/4 fid-dawl tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414/KEE [12] li jipprevedi l-kunfidenzjalità inkundizzjonata tal-informazzjoni industrijali u kummerċjali "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4".

11 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2013, p. 46.
12 Direttiva tal-Kunsill Nru 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332).

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ibbilanċjar li huwa jipprevedi bejn l-interess pubbliku moqdi bl-iżvelar ta' informazzjoni ambjentali u l-interess speċifiku moqdi bir-rifjut ta' żvelar għandu jiġi f'kull każ partikolari sottomess lill-awtoritajiet kompetenti, anki fil-każ li l-leġiżlatur nazzjonali, permezz ta' dispożizzjoni ta' natura ġenerali, jiddetermina kriterji li jippermettu li tiġi ffaċilitata din l-evalwazzjoni komparattiva tal-interessi inkwistjoni.

Fil-fatt, la d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 91/414/KEE, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u lanqas xi dispożizzjoni oħra tad-Direttiva 2003/4/KE, ma jippermettu li jitqies li l-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, kif previst fl-Artikolu 4 ta' din l-aħħar direttiva, jista' jiġi ssostitwit b'miżura oħra għajr dik ta' eżami ta' dawn l-interessi f'kull każ partikolari. Madankollu, dan il-fatt ma jipprekludix lil-leġiżlatur nazzjonali milli jiddetermina, permezz ta' dispożizzjoni ta' natura ġenerali, kriterji li jippermettu li tiġi ffaċilitata din l-evalwazzjoni komparattiva tal-interessi inkwistjoni, bil-kundizzjoni biss li din id-dispożizzjoni ma teżentax lill-awtoritajiet kompetenti milli effettivament iwettqu eżami partikolari ta' kull sitwazzjoni sottomessa lilhom fil-kuntest ta' talba għall-aċċess għal informazzjoni ambjentali mressqa fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/4/KE (punti 57-59 u d-dispożittiv 3).

### *Sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Office of Communications (C-71/10, EU:C:2011:525)*

Il-Gvern tar-Renju Unit kien ħoloq sit internet sabiex jipprovdi lill-pubbliku informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni ta' stazzjonijiet ta' bażi tat-telefon ċellulari li kienet ġiet ipprovduta liberament mill-operaturi. Sussegwentement, l-Office of Communications, wara talbiet għal informazzjoni li kienu ġew indirizzati lilu, irrifjuta li jikkomunika d-dettalji tal-imsemmija stazzjonijiet ta' bażi peress li l-iżvelar ta' din l-informazzjoni kien ser jimplika l-lokalizzazzjonijiet ta' siti użati għall-provvista tan-netwerk tar-radju tal-pulizija u tas-servizzi ta' emerġenza, u dan seta' jikkawża preġudizzju lis-sigurtà pubblika fis-sens tal-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 2003/4/KE, u seta' wkoll ikollu impatt negattiv, fis-sens tal-Artikolu 4(2)(e) tad-Direttiva, fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-operaturi tat-telefon ċellulari kkonċernati. L-Information Commissioner, u sussegwentement l-Information Tribunal, madankollu awtorizzaw l-iżvelar tal-informazzjoni inkwistjoni, peress li l-Information Tribunal qieset b'mod partikolari li l-impatt negattiv fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-operaturi tat-telefon ċellulari ma kienx jipprevali fuq l-interess pubbliku għall-iżvelar ta' din id-data.

Is-Supreme Court of the United Kingdom (ir-Renju Unit), li ġiet adita b'din it-tilwima, għamlet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bil-għan li ssir taf liema bbilanċjar tal-interessi inkwistjoni tad-Direttiva 2003/4/KE kien meħtieġ fil-każ ta' żvelar ta' informazzjoni li setgħet tikkawża preġudizzju għall-interessi differenti protetti minn iktar minn waħda mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, minkejja li dan il-preġudizzju ma jkunx suffiċjentement kbir b'mod li jipprevali fuq l-interess pubbliku għall-iżvelar fil-każ ta' eżami separat tal-imsemmija derogi.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li awtorità pubblika, meta jkollha informazzjoni ambjentali jew meta tali informazzjoni tkun miżmuma f'isimha, tista', meta tibbilanċja l-interessi pubbliċi moqdija bl-iżvelar mal-interessi moqdija bir-rifjut ta' żvelar, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tat-talba intiża li din l-informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, tieħu inkunsiderazzjoni, kumulattivament, diversi raġunijiet għal rifjut imsemmija f'din id-dispożizzjoni (punt 32 u d-dispożittiv).

### *Sentenza tal-15 ta' Jannar 2013 (Awla Manja), Križan et (C-416/10, EU:C:2013:8)* [13]

Fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, J. Križan u 43 abitant ieħor tal-belt ta' Pezinok, kif ukoll din tal-aħħar, u min-naħa l-oħra, is-Slovenská inšpekcia životného prostredia (l-Ispettorat Slovakk tal-Ambjent, iktar 'il quddiem l-"inšpekcia"), dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet li jawtorizzaw il-kostruzzjoni u l-operat ta' landfill għar-rimi tal-iskart, ir-rikorrenti kienu inizjalment invokaw in-natura inkompleta ta' talba għal awtorizzazzjoni fl-assenza tad-deċiżjoni dwar l-urbanistika meħtieġa mil-Liġi Slovakka Nru 245/2003, li kienet ittrasponiet id-Direttiva 96/61/KE [14] fid-dritt Slovak, u sussegwentement ikkontestaw l-assenza ta' pubblikazzjoni, peress li kienet tikkostitwixxi kunfidenzjalità kummerċjali, tal-imsemmija deċiżjoni dwar l-urbanistika.

Peress li l-inšpekcia ċaħdet dan ir-rikors, ir-rikorrenti ressqu kawża quddiem in-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) li għamlet diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 96/61/KE, kif emendata bir-Regolament Nru 166/2006 [15]. B'mod partikolari, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-pubbliku kkonċernat kellux ikollu aċċess, mill-bidu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' landfill, għad-deċiżjoni dwar l-urbanistika relatata mal-istabbiliment ta' din l-installazzjoni u jekk ir-rifjut li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku kkonċernat id-deċiżjoni dwar l-urbanistika inkwistjoni setax jiġi ġġustifikat bl-invokazzjoni tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali jew industrijali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 96/61/KE, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tippermettix lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirrifjutaw lill-pubbliku kkonċernat l-aċċess, anki parzjali, għal deċiżjoni li permezz tagħha l-awtorità pubblika tawtorizza, fir-rigward tar-regoli tal-urbanistika applikabbli, l-istabbiliment ta' din l-installazzjoni, li jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, billi jinvokaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali jew industrijali prevista mid-dritt nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġi protett interess ekonomiku leġittimu, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-importanza tal-lokalizzazzjoni ta' attività jew oħra li hemm riferiment għaliha fid-Direttiva 96/61/KE.

Anki jekk jitqies li ċerti elementi inklużi fir-raġunijiet ta' deċiżjoni dwar l-urbanistika jistgħu jinkludu informazzjoni kummerċjali jew industrijali kunfidenzjali, il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni ma tistax tintuża, bi ksur tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2003/4/KE, sabiex il-pubbliku kkonċernat jiċċaħħad minn kull aċċess, anki parzjali, għad-deċiżjoni dwar l-urbanistika tal-istabbiliment tal-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali (punti 82, 83, 91 u d-dispożittiv 2).

### *Sentenza tat-23 ta' Novembru 2016, Bayer CropScience u Stichting De Bijenstichting (C-442/14, EU:C:2016:890)*

F'din il-kawża (ara wkoll it-Taqsima II, intitolata "Il-kunċett ta' 'informazzjoni dwar l-ambjent'" f'dan id-dokument), il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) kienet ukoll għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni dwar emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, tal-applikazzjoni tad-deroga dwar informazzjoni kummerċjali jew industrijali fis-sens tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' din l-istess direttiva.

13 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2013, p. 45.

14 Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 80)

15 Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU 2006, L 33, p. 1).

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 2003/4/KE għandha l-għan li tiggarantixxi aċċess, bħala prinċipju, għall-informazzjoni dwar l-ambjent miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom, u li twettaq, kif jirriżulta mill-premessa 9 u mill-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, tqegħid għad-dispożizzjoni u tixrid sistematiċi l-iktar wiesgħa possibbli ta' din l-informazzjoni għall-pubbliku. Minn dan isegwi li, kif jipprevedu b'mod espliċitu t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, kif ukoll il-premessa 16 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, l-iżvelar tal-informazzjoni għandu jkun ir-regola ġenerali u r-raġunijiet għal rifjut previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv.

F'dan ir-rigward, billi jipprevedi li l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali jew industrijali ma tistax tiġi invokata kontra l-iżvelar tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE jippermetti implementazzjoni konkreta ta' din ir-regola u tal-prinċipju ta' aċċess l-iktar wiesa' possibbli għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom. Minn dan jirriżulta li ma hemmx lok li tiġi adottata interpretazzjoni restrittiva tal-kunċetti ta' "emissjonijiet fl-ambjent" u ta' "informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE (punti 55-58).

Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn dan il-kunċett u l-kunċetti ta' "skariki" u ta' "rilaxx" fl-ambjent.

Fil-fatt, minn naħa, tali distinzjoni ma tagħmilx parti mill-Konvenzjoni ta' Aarhus, dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, li sempliċement tipprevedi, fil-parti (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tagħha, li l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali u industrijali ma tistax tiġi invokata kontra l-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet li hija rilevanti għall-protezzjoni tal-ambjent. Min-naħa l-oħra, distinzjoni bejn emissjonijiet, skariki u rilaxx ieħor hija irrilevanti fid-dawl tal-għan tal-iżvelar ta' informazzjoni ambjentali mfittex mid-Direttiva 2003/4/KE, u din tkun artifiċjali. Fil-fatt, kemm l-emissjonijiet ta' gass jew ta' sustanzi fl-atmosfera kif ukoll ir-rilaxx jew skariki oħra, bħar-rilaxx ta' sustanzi, ta' preparazzjonijiet, ta' organiżmi, ta' mikroorganiżmi, ta' vibrazzjonijiet, ta' sħana jew ta' ħsejjes fl-ambjent, b'mod partikolari fl-arja, fl-ilma u fl-art, jistgħu jaffettwaw dawn id-diversi elementi tal-ambjent. Barra minn hekk, il-kunċetti ta' emissjonijiet, ta' skariki u ta' rilaxx fil-biċċa l-kbira jikkoinċidu, kif juri l-użu tal-espressjoni "[rilaxx] ieħor" fl-Artikolu 2(1)(b) ta' din id-direttiva li minnha jirriżulta li l-emissjonijiet u l-iskariki jikkostitwixxu wkoll rilaxx fl-ambjent (punti 62-65, u 67).

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' talba għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-emissjonijiet fl-ambjent li l-iżvelar tagħha jkun jippreġudika wieħed mill-interessi koperti fil-punti (a), (d) u (f) sa (h) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, hija biss id-data rilevanti li tista' tiġi estratta mis-sors ta' informazzjoni li tirrigwarda l-emissjonijiet fl-ambjent li għandha tiġi żvelata meta jkun possibbli li din id-data tiġi sseparata mill-informazzjoni l-oħra inkluża fl-imsemmi sors, liema aspett għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju (punt 106 u d-dispożittiv 3).

# V. L-ammont tat-tariffa imposta għall-aċċess għal informazzjoni ambjentali

### *Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, East Sussex County Council (C-71/14, EU:C:2015:656)* [16]

Fil-kuntest ta' tranżazzjoni immobiljari, PSG Eastbourne, impriża ta' riċerka immobiljari, ressqet talba għal informazzjoni ambjentali quddiem il-Kunsill tal-Kontea ta' East Sussex. Il-Kunsill tal-Kontea kien ipprovda r-risposti mitluba, meħuda minn database li sservi wkoll għat-twettiq ta' kompiti oħra, u kien impona diversi tariffi abbażi ta' skala ta' tariffi standardizzati.

Wara lment minn PSG Eastbourne kontra l-impożizzjoni ta' tali tariffi, il-Kummissarju tal-Informazzjoni kien ta deċiżjoni li tiddikjara li dawn it-tariffi ma kinux konformi mal-Artikolu 8(3) tal-Environment Information Regulation 2004 (EIR 2004) – li jittrasponi d-Direttiva 2003/4/KE fid-dritt Ingliż - peress li kienu jinkludu spejjeż oħra għajr spejjeż tal-posta u tal-fotokopjar jew spejjeż oħra relatati mat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni mitluba. Għaldaqstant, il-Kunsill tal-Kontea appella minn din id-deċiżjoni billi sostna li t-tariffi fl-iskala kienu legali u ma kinux jeċċedu ammont raġonevoli.

Il-First-tier Tribunal (ir-Renju Unit) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, u tal-kunċett ta' "ammont raġonevoli", sabiex tistaqsi jekk parti mill-ispejjeż relatati maż-żamma ta' database tal-Kunsill tal-Kontea kif ukoll l-ispejjeż ġenerali imputabbli għall-ħin allokat mill-persunal ta' din tal-aħħar għaż-żamma ta' database setgħux jiġu inklużi fil-kalkolu tat-tariffi imposti.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li t-tariffa imposta għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' tip partikolari ta' informazzjoni ambjentali ma tista' tinkludi ebda parti mill-ispejjeż sostnuti għaż-żamma ta' database użata għal dan il-għan mill-awtorità pubblika, iżda tista' tinkludi l-ispejjeż ġenerali imputabbli għall-ħin allokat mill-persunal ta' din l-awtorità sabiex jirrispondi għal talbiet individwali għal informazzjoni, li jittieħdu inkunsiderazzjoni debitament fid-determinazzjoni ta' din it-tariffa, bil-kundizzjoni li l-ammont globali tal-imsemmija tariffa ma jeċċedix ammont raġonevoli.

Fil-fatt, mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2003/4/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3(5)(c) ta' din id-direttiva, isegwi li, bħala prinċipju, huma biss dawk l-ispejjeż li ma jirriżultawx mill-istabbiliment u mill-aġġornament ta' dawn ir-reġistri, listi u għodod ta' konsultazzjoni, li huma imputabbli għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni ambjentali u li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali huma intitolati jeżiġu tariffa abbażi tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4/KE. Tali spejjeż jinkludu mhux biss l-ispejjeż tal-posta u tal-fotokopjar, iżda wkoll l-ispejjeż imputabbli għall-ħin allokat mill-persunal tal-awtorità pubblika kkonċernata sabiex jirrispondi għal talba individwali għal informazzjoni, li jinkludi, fost l-oħrajn, il-ħin għar-riċerka tal-informazzjoni inkwistjoni u l-ħin sabiex tali informazzjoni tiġi ppreżentata fil-forma mitluba. Bara minn hekk, fid-dawl tal-użu tal-kunċett ta' spejjeż attwali fil-premessa 18 tad-Direttiva 2003/4/KE, spejjeż ġenerali, meħuda inkunsiderazzjoni debitament, jistgħu bħala prinċipju jiġu inklużi fil-kalkolu tat-tariffa prevista fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4. Fil-fatt, l-inklużjoni ta' spejjeż ġenerali fil-kalkolu ta' din it-tariffa tikkorrispondi ma' prinċipji ta' kontabbiltà abitwali. Madankollu, dawn l-ispejjeż jistgħu biss jiġu inklużi fil-kalkolu ta' din it-tariffa sa fejn ikunu attribwibbli għal fattur ta' nfiq li jaqa' taħt it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni ambjentali (punti 34, 36, 39, 40, 45 u d-dispożittiv 1).

16 Din is-sentenza ġiet ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2015, p. 65.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, li tipprovdi li l-ammont globali tat-tariffa prevista f'din id-dispożizzjoni ma jistax jeċċedi ammont raġonevoli, għandha tiġi eskluża kull interpretazzjoni tal-kunċett ta' ammont raġonevoli li jista' jkollu effett dissważiv fuq il-persuni li jixtiequ jiksbu informazzjoni jew li jillimita d-dritt ta' aċċess għal din l-informazzjoni. Sabiex jiġi evalwat jekk tariffa imposta bis-saħħa tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/4/KE jkollhiex effett dissważiv, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm is-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li tkun talbet l-informazzjoni kif ukoll l-interess ġenerali marbut mal-protezzjoni tal-ambjent. Għaldaqstant, din l-evalwazzjoni ma tistax tirrigwarda biss is-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna kkonċernata, iżda għandha wkoll tkun ibbażata fuq analiżi oġġettiva tal-ammont ta' din it-tariffa. F'dan is-sens, l-imsemmija tariffa la għandha teċċedi l-kapaċitajiet finanzjarji tal-parti kkonċernata u lanqas, f'kull każ, ma għandha tidher li hija oġġettivament irraġonevoli.

Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li tariffa ma tkunx dissważiva fir-rigward tas-sitwazzjoni ekonomika tal-persuni kkonċernati ma jeżentax lill-awtorità pubblika mill-obbligu tagħha li tiżgura wkoll li l-imsemmija tariffi ma jidhrux li huma irraġonevoli għall-pubbliku b'kunsiderazzjoni tal-interess ġenerali marbut mal-protezzjoni tal-ambjent (punti 42-44).

## VI. Id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali miżmuma mill-istituzzjonijiet Ewropej

### *Sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, LPN u Il-Finlandja vs Il-Kummissjoni (C-514/11 P u C-605/11 P, EU:C:2013:738)*

Il-Liga para a Protecção da Natureza (iktar 'il quddiem il-"LPN") hija organizzazzjoni mhux governattiva li għandha bħala għan il-ħarsien tal-ambjent. Fl-2003, hija ppreżentat ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea li permezz tiegħu sostniet li l-proġett ta' kostruzzjoni ta' diga fix-xmara Sabor, fil-Portugall, kien jikser id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [17]. Sussegwentement, fl-2007, il-LPN talbet lill-Kummissjoni aċċess għal informazzjoni dwar l-ipproċessar tal-ilment tagħha u konsultazzjoni ta' ċerti dokumenti. Il-Kummissjoni kienet ċaħdet dawn it-talbiet abbażi tal-fatt li d-dokumenti mitluba kienu jirrigwardaw proċedura pendenti, skont l-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, dwar il-protezzjoni ta' attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu, kif ukoll l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li jipprovdi li l-iżvelar jitqies li huwa ta' "interess pubbliku superjuri" meta l-informazzjoni mitluba tkun relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent, bl-eċċezzjoni ta' investigazzjonijiet, b'mod partikolari dawk relatati ma' ksur possibbli tad-dritt Komunitarju.

Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mil-LPN kontra d-deċiżjoni kkontestata [18], il-LPN u r-Repubblika tal-Finlandja appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

F'din l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm lok li tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali li tgħid li, fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni, l-iżvelar ta' dokumenti marbuta ma' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu seta' jippreġudika l-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni. Peress li t-tfassil kif ukoll l-istruttura taż-żewġ sentenzi tal-

17 Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

18 Sentenza tal-Qorti Ġenerlai tad-9 ta' Settembru 2011, LPN vs Il-Kummissjoni Ewropea (T-29/08, EU:T:2011:448).

Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 juru l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jeskludi l-proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fl-intier tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali ma kinitx wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma huwiex rilevanti għall-eżami li għandha twettaq il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 meta talba għal aċċess ikollha bħala suġġett id-dokumenti marbuta ma' proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li tkun għadha fl-istadju tal-fażi prekontenzjuża (punti 84-85).

### *Sentenza tat-23 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Stichting Greenpeace Nederland u PAN Europe (C-673/13 P, EU:C:2016:889)*

Stichting Greenpeace Nederland u Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) kienu talbu lill-Kummissjoni, abbażi kemm tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, l-aċċess għal diversi dokumenti marbuta mal-ewwel awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-glifosat bħala sustanza attiva, emessa skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Fl-2011, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni kien ta aċċess għall-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni, imfassal mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bl-eċċezzjoni tar-raba' volum tiegħu, li l-iżvelar tiegħu kien ġie rrifjutat mill-awtoritajiet Ġermaniżi. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni kien qies, b'mod partikolari, li ebda interess pubbliku superjuri fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma kien jiġġustifika l-iżvelar ta' dan id-dokument peress li, fil-fehma tiegħu, kien ukoll jirriżulta mill-proċedura li permezz tagħha l-glifosat kien ġie elenkat fl-Anness I tad-Direttiva 91/414, li r-rekwiżiti previsti mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, għal dak li jirrigwarda t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' informazzjoni dwar l-effetti ta' din is-sustanza fuq l-ambjent, kienu diġà ttieħdu inkunsiderazzjoni u li, għalhekk, kellha tipprevali l-protezzjoni tal-interessi tal-produtturi ta' din is-sustanza.

Peress li l-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Greenpeace Nederland u PAN Europe kontra din id-deċiżjoni, għar-raġuni li, b'mod partikolari li l-informazzjoni li ntalab l-iżvelar tagħha kienet tirrigwarda emissjonijiet fl-ambjent fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 [19], il-Kummissjoni Ewropea appellat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha, li annullat is-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kunċett ta' "informazzjoni li tirrigwarda emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma setax jiġi interpretat b'mod restrittiv. Fil-fatt, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 huwa intiż, kif jindikaw il-premessa 4 u l-Artikolu 1 tiegħu, li jagħti lill-pubbliku dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet li jkun l-iktar wiesa' possibbli. Bl-istess mod, ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 għandu l-għan, kif jipprevedi l-Artikolu 1 tiegħu, li jiggarantixxi tqegħid għad-dispożizzjoni u tixrid sistematiċi l-iktar wiesgħa possibbli ta' informazzjoni ambjentali miżmuma mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni.

Huwa fil-fatt biss sa fejn jidderogaw mill-prinċipju ta' aċċess l-iktar wiesgħa possibbli għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet li l-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, b'mod partikolari dawk previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod strett. In-neċessità ta' tali interpretazzjoni restrittiva hija, barra minn hekk, ikkonfermata mill-premessa 5 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Min-naħa l-oħra, billi tistabbilixxi preżunzjoni li tipprovdi li l-iżvelar ta' informazzjoni li tirrigwarda emissjonijiet fl-ambjent, bl-eċċezzjoni ta' dak rigward investigazzjonijiet, jitqies li jippreżenta interess pubbliku superjuri meta mqabbel mal-interess ibbażat fuq il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika partikolari, b'mod li l-protezzjoni tal-imsemmija interessi

19 Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ottubru 2013, Stichting Greenpeace Nederland u PAN Europe vs Il-Kummissjoni (T-545/11, EU:T:2013:523, punt 75).

kummerċjali ma tistax tiġi invokata kontra l-iżvelar ta' din l-informazzjoni, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tidderoga effettivament mir-regola ta' bbilanċjar tal-interessi prevista fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Madankollu, l-imsemmija l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tippermetti b'dan il-mod implementazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' aċċess l-iktar wiesa' possibbli għall-informazzjoni miżmuma mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni, b'mod li interpretazzjoni restrittiva ta' din id-dispożizzjoni ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata (punti 51-54).

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, għall-finijiet tal-annullament, li dan il-kunċett ma jistax madankollu jinkludi l-informazzjoni kollha li għandha rabta kwalunkwe, anki diretta, ma' emissjonijiet fl-ambjent. Fil-fatt, li kieku l-imsemmi kunċett kellu jiġi interpretat fis-sens li jkopri tali informazzjoni, huwa jeżawrixxi fil-parti l-kbira l-kunċett ta' "informazzjoni dwar l-ambjent" fis-sens tal-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Tali interpretazzjoni ċċaħħad, b'dan il-mod, minn kull effett utli, il-possibbiltà, prevista fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, tal-istituzzjonijiet li jirrifjutaw l-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-ambjent għar-raġuni, b'mod partikolari, li tali żvelar ikun qed jippreġudika l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika partikolari u jipperikola l-ekwilibriju li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq li jiżgura bejn l-għan ta' trasparenza u l-protezzjoni ta' dawn l-interessi. Hija tkun tippreġudika wkoll b'mod sproporzjonat il-protezzjoni tas-sigriet professjonali ggarantit permezz tal-Artikolu 339 TFUE (punt 81).

Sentenza tat-13 ta' Lulju 2017, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-60/15 P, EU:C:2017:540)

Saint-Gobain, kumpannija attiva fis-suq globali tal-ħġieġ, li topera impjanti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, kienet talbet lill-Kummissjoni, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, ikollha aċċess għal dokument trażmess mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 [20]. Dan id-dokument kien jinkludi informazzjoni dwar l-impjanti ta' Saint-Gobain li jinsabu fit-territorju Ġermaniż.

Peress li l-informazzjoni mitluba kienet toriġina mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni kienet ikkonsultat lil dan l-Istat Membru, abbażi tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li inizjalment kien oppona l-iżvelar ta' din l-informazzjoni. Wara deċiżjoni tal-awtoritajiet Ġermaniżi li tiġi ppubblikata ċerta informazzjoni, il-Kummissjoni kienet awtorizzat aċċess parzjali għall-informazzjoni mitluba, billi bbażat ruħha fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Hija kienet qieset, b'mod partikolari, li l-iżvelar sħiħ tal-informazzjoni mitluba kien jikkomprometti l-proċess deċiżjonali tagħha u jippreġudika d-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Barra minn hekk, hija kienet qieset li l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ma kien jinkludi ebda dispożizzjoni li setgħet teskludi l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u kienet ikkonstatat li ma kien hemm ebda interess pubbliku superjuri, fis-sens ta' dan l-artikolu, li jiġġustifika l-iżvelar sħiħ tal-informazzjoni mitluba, peress li l-interessi invokati mir-rikorrenti kienu, skont il-Kummissjoni, ta' natura purament privata.

Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Saint-Gobain kontra l-imsemmija deċiżjoni, din il-kumpannija għalhekk appellat mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [21] quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1),

21 Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2014, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-476/12, EU:T:2014:1059).

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni, wara li kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ma interpretatx l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 b'mod strett. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, b'mod partikolari, li l-kunċett ta' "proċess deċiżjonali" li kien hemm riferiment għalih f'din id-dispożizzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrigwarda t-teħid deċiżjonali, mingħajr ma jkopri l-proċedura amministrattiva kollha li tkun wasslet għal dik id-deċiżjoni. L-obbligu ta' interpretazzjoni stretta jimplika, barra minn hekk, li s-sempliċi riferiment għal riskju ta' riperkussjonijiet negattivi u għall-possibbiltà li persuni kkonċernati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq il-proċedura ma huwiex suffiċjenti sabiex ikun hemm prova li l-iżvelar ta' dokumenti interni jippreġudika serjament il-proċess deċiżjonali pendenti (punti 61, 63, 75-78).

Fir-rigward tat-talba inkwistjoni għal aċċess għal informazzjoni ambjentali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li l-Artikolu 6 tagħha jżid regoli iktar speċifiċi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-interpretazzjoni stretta tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kienet tapplika wkoll fir-rigward tal-finalità tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, li hija li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni (punti 65, 66, 78-81).

* * *

*Is-sentenzi li hemm riferiment għalihom f'dan id-dokument huma elenkati fir-Repertorju tal-Ġurisprudenza taħt it-Taqsima 4.23.*